# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 8 ta' Ottubru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 30/2013**

**Ir-Repubbklika ta' Malta**

**v.**

**Paschalino Cefai**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Novembru 2013 kontra Paschalino Cefai li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Paschalino Cefai reċidiv f'delitt, talli (1) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; (2) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed

il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; (3) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ħafifa; (4) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu; (5) ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; (6) naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja. Inoltre f'kull Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali talab li, peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkommetta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tliet snin) ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi riattivata s-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2014 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih b' sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabu lill-imsemmi Paschalino Cefai mhux ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża iżda ħati tar-reat kompriż u involut li, mingħajr il-ħsieb li joqtol lil Josef Portelli jew iqiegħdlu ħajtu f'periklu ċar, ikkaġunalu ferita ta' natura gravi li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggeż; unanimament sabuh mhux ħati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża iżda ħati talli kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Dr. Kevin Mompalao u dana b'arma regolari jew bi strument jaqta' jew bil-ponta; bi tmien (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabuh ħati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża; unanimament sabuh ħati skond ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuża; unanimament sabuh ħati skond il-Ħames Kap tal-Att ta' Akkuża; b'vot unanimu sabuh ħati skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża; iddikjaratu reċidiv f'delitt u ħati talli:

(1) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol lil Josef Portelli jew iqiegħdlu ħajtu f'periklu ċar, ikkaġunalu ferita ta' natura gravi li tidħol f'wahda mill-kavitajiet tal-ġisem u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggeż;

(2) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Għawdex, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa

fuq il-persuna ta' Dr. Kevin Mompalao u dana b'arma regolari jew bi strument jaqta' jew bil-ponta;

(3) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Michaelangelo Bajada;

(4) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu;

(5) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

(6) Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 28A u 28B, 31(1)(a)(b)(d)(e)(f), 49, 50, 64(1), 216, 221(1), 579(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 6, 51(7) u 55(a)(b) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap 480), u wara li qieset l-aggravju tar-reċidiva, ikkundannat l-ħati Paschalino Cefai għal ħames (5) snin priġunerija għall-ewwel ħames akkużi. Għar-rigward tas-sitt akkuża, filwaqt li rrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru 2011, ikkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija; u wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tad-depożitu u l-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta talli ma osservax il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest. Wara li rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, ordnat ukoll illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) tiġi fis-seħħ. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati jħallas l-ammont ta' sitt elef, mija u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€6120.29) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat ukoll illi jekk il-garanzija personali u l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija ai termini tal-liġi. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali tal-ħati, qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli

difensur Dr. Edward Gatt u s-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, u kkunsidrat is-segwenti:

"Minn ezami akkurat tal-fedina penali tieghu jirrizulta li Pasqualino Cefai beda jikser difru mal-ligi mill-1995 meta kellu biss 16-il sena u b'mod regolari kull sentejn kien qed jitressaq il-Qorti u jinstab hati ta' reati serji fil-konfront ta' persuna ohra. Mis-sena 2000 meta kellu wiehed u ghoxrin (21) sena infexx f'hajja sistematika ta' aggressjoni u vjolenza kontra persuni u propjeta` li baqghet sejra sa llum. Effettivament il-hati itterrorizza lil Ghawdex tul dan iz-zmien kollu u l-forzi tal-ordni ma waqfux milli jressqu lill-hati l-Qorti kull darba illi jikkommetti reat, u l-Qorti b'sens ta' ottimizmu trattat lill-hati b'mod legger, sabiex jirrealizza din il-hajja f'xiex ser twasslu. Dan pero` qatt ma serva ghal xejn u l-hati dejjem kompla f'din il-hajja ta' vjolenza u aggressjoni illi huwa ghazel.

"Kulhadd huwa il-konsegwenza tad-decizjonijiet illi jiehu

"F'xi zmien il-hati ghazel illi jimxi fil-hajja tal-kriminalita`, tal-vjolenza, "bullying" u aggressjoni biex fejn ma jasalx b'mod legittimu, jasal b'mod illegittimu bl-uzu tal-vjolenza. Meta l-hati ghazel illi jfittex kura ghal-dipressjoni li kellu kien ilu ghaddej f'din il-hajja ta' kriminalita` u vjolenza ghal hafna snin u minkejja illi kien qed jiehu l-kura, xorta baqa' ghaddej b'din il-hajja. M'hijiex skuza li jigi argumentat li dan ir-reat gie mwettaq meta l-hati kien taht influenza ta' dipressjoni, peress illi kien hu stess illi waqaf illi jiehu l-kura fl-istess zmien.

"Il-verdett tal-gurija popolari jghid dak li jghid u din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tikkummenta dwar il-fatti, pero` lanqas ma tista' twarrab il-mod kodard u sfaccat ta' kif sar ir-reat in faciem curiae fejn il-hati ma hasibhiex darbtejn, illi quddiem Qorti jwettaq dan ir-reat. Dan huwa tipiku tal-karattru tal-hati, illi ma ghandu rispett ta' xejn u lejn l-ebda awtorita`. Fejn minkejja li gie offrut soluzjoni ghal problema finanzjarja li kellu ma' Joseph Portelli, ghazel li jwarrab din is-soluzzjoni u tipikament fil-kuntest tieghu, ghazel minflok li jinfexx f'din il-vjolenza u aggressjoni illi taghhom instab hati.

"Din il-Qorti ma tistax ma tharisx lejn dan l-incident b'mod l-aktar serju u gravi u bla tlaqliq tghid illi l-hati haqqu l-massimu illi l-ligi tippermetti f'dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll illi l-hati ma ghandux dritt igawdi minn l-ebda kunsiderazzjoni ta' attentwanti, bhalma hu stess ma wera l-ebda kunsiderazzjoni jew hniena ghan-nies li huwa aggredixxa tul hajtu, inkluz dan il-kaz partikolari, fejn Joseph Portelli, ghal darbtejn kien sottomess ghal aggressjoni ingusta u mhux provokata da parti tal-hati.

"Din is-sentenza ghandha tirrispetta il-volonta` tal-gurija popolari fil-verdett taghhom.

"Hawnhekk forsi jkun opportun li l-Qorti taghmel daqxejn ta' obiter u taghmel kumment ghal diskussjoni ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti tinnota b'sodisfazzjoni l-introduzzjoni tal-element ta' "disclosure" illi jghin hafna lil akkuzat fid-difiza tieghu. Dan abbinat mad-dritt moghti lil kull arrestat illi jekk irid, ikun assistit minn avukat fil-bidu nett tal-arrest tieghu flimkien mar-regolarizzazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fil-kaz ta' drogi taht il-Kap

101, ikomplu jiggarantixxu dak id-dritt ta' smiegh xieraq lil kull akkuzat igawdi taht il-kostituzzjoni. Pero` dawn id-drittijiet igibu maghhom obbligi wkoll u forsi dan id-dritt ta' "disclosure", tajjeb illi jkun bilancjat mal-fakulta` illi gurija popolari tkun a konjizzjoni tal-fedina penali ta' persuna illi jkunu sejrin jiggudikaw u għaliex le, il-Magistrati u l-Imhallfin jkunu a konoxxenza ta' fedina penali mill-bidu nett tal-process u hadd ma jallega xi pregudizzju jew lesjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq. Il-gurati huma mhallfin ukoll, allura ghax ma ghandhomx ikunu jafu x'tip ta' persuna ghandhom quddiemhom? Jekk imputat jew akkuzat jaghzel li jixhed ma jkunx f'posizzjoni ahjar li jqisu x-xhieda skond id-dispost tal-art. 637 tal-Kap 9?

"Il-Qorti tifhem illi din il-proposta hija xi haga innovattiva ghas-sistema guridika ta' Malta, b'oppozizzjoni qawwija ma min jahdem l-aktar fil-kamp penali. Pero` din ma hijiex xi haga gdida fis-sistema guridika, peress illi l-gurisdizzjoni Ingliza, maghrufa ghal fehmiet konservattivi taghha, diga` qeda tintroduci din il-fakolta` lil gurija, fejn ir-rizultati wrew li l-fatt illi l-gurija jkunu jafu l-fedina penali tal-persuna li sejrin jiggudikaw, tghinhom fil-gudizzju taghhom, ghad illi din mhux necessarjament tissarraf f'aktar "convictions" milli kien hemm qabel. Din il-Qorti tifhem illi din il-proposta tirrikjedi hafna studju izda tajjeb illi tinbeda diskussjoni fuqha sabiex jigi determinat kemm u kif proposta bhal din jista' jkollha effett fuq is-sistema guridika Maltija.

"Dana stabbilit il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad qabel dwar il-konsiderazzjoni tal-piena u tiddikjara illi f'dan il-kaz il-hati ma haqqu l-ebda hniena u ghandu jerfa' fit-totalita` il-piz kollu ta' ghemilu."

.

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paschalino Cefai ppreżentat fit-3 ta' Lulju 2014 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-mod ta' kif il-ġurati waslu għall-verdetti tagħhom u tħassarha u tirrevokaha in kwantu għall-piena billi tapplika sanzjoni anqas ħarxa;

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fid-9 ta' Lulju 2014 fejn talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma 1-istess sentenza, billi: (1) thassarha u tmur lura mill-verdett fir-rigward ta' l-ewwel Kap ta' Akkuża u cioe` dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-akkużat Paschalino Cefai instab ħati tar-reat ta' ferita gravi fil-konfront ta' Joseph Portelli u minflok issib lill-appellat Paschalino Cefai ħati ta' tentattiv t'omiċidju fuq il-persuna ta' Joseph Portelli mingħajr l-ebda skuża fil-liġi kif oriġinarjament ipprospettat fl-Att tal-Akkuża u tiddetermina verdett ta' sejbien ta' ħtija f'dan ir-rigward; (2) alternattivament tħassarha u tmur lura mill-verdett fir-rigward ta' l-ewwel Kap ta' Akkuża u cioe` dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha l-akkużat Paschalino Cefai instab ħati tar-reat ta' ferita gravi fil-konfront ta' Joseph Portelli u minflok issib lill-appellat Paschalino Cefai ħati ta' ferita gravissima fuq il-persuna ta' Joseph Portelli mingħajr l-ebda skuża fil-liġi u tiddetermina verdett ta' sejbien ta' ħtija f'dan ir-rigward; (3) u konsegwenzjalment tħassar il-piena kif mogħtija fil-kawża u minflok tagħti dik is-sentenza aktar gravi gustifikata bil-liġi (skond kif mitlub fl-Att tal-Akkuża) filwaqt illi tikkonfermaha fil-kumplament tagħha

u/jew tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi u ai fini tar-retta aministrazzjoni tal-ġustizzja; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2015 l-Avukat Dottor Edward Gatt għall-appellant Cefai eċċepixxa li l-appell ta' l-Avukat Ġenerali huwa rritu u null għaliex fid-data ta' l-appell tiegħu s-sentenza appellata ma kinitx appellabbli f'dan il-każ, u dan jirriżulta mill-artikolu 42 ta' l-Att IV ta' l-2014 li jispeċifika liema artikoli ta' l-istess Att għandhom japplikaw minnufih, u fosthom ma hemmx l-artikolu 23 ta' l-istess Att li ntroduċa l-artikolu 500 subartikolu (3) tal-Kodiċi Kriminali li bis-saħħa tiegħu sar l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

**7.** Issa, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 500 kif introdott bl-imsemmi Att IV ta' l-2014 kien jipprovdi:

> **"Fuq kull appell kontra l-liberazzjoni, kemm fir-rigward ta' parti mill-akkuża jew kollha kemm hi, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħew irregolaritajiet, jew f'każ ta' miżinterpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett:**
>
> **Iżda l-Qorti tista', sakemm ma tkunx tal-opinjoni li dak il-punt li sar waqt appell taħt dan is-subartikolu jkun deċiż favur l-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell f'każ li jkun ikkunsidrat li ma sar ebda nuqqas ta' ġustizzja."**

**8.** L-Att IV ta' l-2014, u allura wkoll l-imsemmi subartikolu (3) ta' l-artikolu 500 tal-Kodiċi Kriminali, ġie fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2014. Il-ġuri ġie ċelebrat f'Ġunju 2014, u l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ntavolat fid-9 ta' Lulju 2014.

**9.** Sussegwentement, l-imsemmi subartikolu (3) ġie emendat bl-artikolu 33 ta' l-Att VIII ta' l-2015 billi l-**kliem "Fuq kull appell kontra l-liberazzjoni, kemm fir-rigward ta' parti mill-akkuża jew kollha kemm hi, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħew irregolaritajiet, jew f'każ ta', miżinterpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta tal-liġi"** ġew sostitwiti bil-kliem **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħet irregolarità gravi jew li s-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta' miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi"**. B'hekk is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 500 tal-Kodiċi Kriminali llum jaqra hekk:

> **"Il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' l-appell mill-Avukat Ġenerali jekk jidhrilha li waqt il-proċeduri seħħet irregolarità gravi jew li s-sentenza hija b'mod ċar ir-riżultat ta' miżinterpretazzjoni manifesta jew ta' applikazzjoni manifestament skorretta tal-liġi li jkunu affettwaw il-verdett:**

**Iżda l-Qorti tista', sakemm ma tkunx tal-opinjoni li dak il-punt li sar waqt appell taħt dan is-subartikolu jkun deċiż favur l-Avukat Ġenerali, tiċħad l-appell f'każ li jkun ikkunsidrat li ma sar ebda nuqqas ta' ġustizzja."**

**10.** L-Avukat Ġenerali evidentement appella a bażi tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 500 kif oriġinarjament konċepit. It-tibdil li sar fl-2015 ma jeffettwax il-kwistjoni mqajma mill-appellant Cefai.

**11.** L-artikolu 42 ta' l-Att IV ta' l-2014, li huwa disposizzjoni transitorja, jipprovdi hekk:

**"Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 24 u 35 ta' dan l-Att għandu jkollhom effett ukoll fir-rigward tal-proċedimenti kriminali kollha li jkunu għadhom quddiem kull Qorti fiż-żmien tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ukoll jekk il-proċedimenti msemmija ikunu fi stadju ta' appell."**

Skont l-appellant Cefai, huma biss l-imsemmijin artikoli 24 u 35 li għandhom jitqiesu minnufih applikabbli.

**12.** Permezz ta' l-artikolu 24, ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali l-artikolu 526A li jipprovdi hekk:

**"Skont u b'konformità ma' xi trattat, konvenzjoni, ftehim jew patt bejn Malta u pajjiż ieħor jew li japplika għaż-żewġ pajjiżi jew li fih żewġ pajjiżi huma partijiet, dokumenti proċedurali jew kull att ta' proċedura jistgħu jintbagħtu direttament bil-posta lill-persuna li tinsab fit-territorju talpajjiż barrani f'lingwa li dik il-persuna tifhem:**

**Iżda dawk id-dokumenti proċedurali għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport li jindika lil dik il-persuna r-rimedji disponibbli u li dik l-informazzjoni dwar id-drittijiet u dmirijiet tagħha li jikkonċernaw dak id-dokument jistgħu jinkisbu mill-awtorità emittenti jew minn awtorità kompetenti oħra f'Malta."**

**13.** Permezz ta' l-artikolu 35 ġie introdott fl-Att dwar il-Pulizija l-artikolu 61A li jipprovdi:

**"Kull persuna arrestata għandha minnufih tingħata Ittra bi Drittijiet kif stabbilita fl-Iskeda E tal-Kodiċi Kriminali u l-imsemmija persuna għandha tingħata lopportunità li taqraha u żżomm dik l-ittra tul il-ħin kollu li tkun detenuta. L-Ittra bi Drittijiet għandha tkun miktuba f'lingwa li l-persuna tifhem:**

**Iżda meta l-Ittra bi Drittijiet ma tkunx disponibbli fil-lingwa xierqa, il-persuna arrestata għandha tiġi informata bid-drittijiet tagħha b'mod verbali f'lingwa li tifhem u l-Ittra bi Drittijiet għandha, sussegwentement u mingħajr ebda dewmien, tingħatalha f'lingwa li hija tifhem."**

**14.** Minn eżami ta' dawn iż-żewġ artikoli ġodda u minn eżami ta' l-artikolu 42 ta' l-Att IV ta' l-2014, din il-Qorti hi tal-fehma li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li jneħħi kwalunkwe dubju li seta' jkun hemm dwar il-firxa ta' l-applikabilita` ta' l-artikoli ġodda introdotti li għalihom hemm riferenza fl-istess artikolu. L-artikolu 42 ma jeskludix – anzi jirriafferma – l-prinċipju li disposizzjonijiet ta' xejra proċedurali japplikaw minnufih u jżid, biex jelimina kull possibbli dubju, li l-istess artikoli huma applikabbli anki għal proċedimenti li jistgħu jkunu pendenti fl-appell.

**15.** Kif kien ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deċiż fis-7 ta' Jannar 2005:

> **"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[1] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[2]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom *Human Rights and Criminal Justice* [3]:**
>
> ***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."*** [4]
>
> **"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-retroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' <u>applikazzjoni immedjata</u>, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost**

[1] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."
[2] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.
[3] Sweet & Maxwell (London), 2001.
[4] P. 282, para. 10-05.

**ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."**

**16.** M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 500 tal-Kodiċi Kriminali jifforma parti mid-dritt proċedurali u għaldaqstant japplika l-prinċipju li tibdil fil-liġijiet proċedurali hu ta' applikazzjoni immedjata. Qed issir referenza hawn għall-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mahmud Ali Amber**, deċiż minn din il-Qorti diversament komposta fis-17 ta' Mejju 2007 fejn liġi proċedurali kienet ġiet emendata wara li kien ġie ċelebrat il-ġuri. Fis-sentenza tagħha din il-Qorti kienet qalet:

**"Fil-kaz in ezami pero` ghandna sitwazzjoni partikolarissima. Meta gie celebrat il-guri, kien ghadu vigenti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 kif kien qabel ma gie sostitwit fl-2006. Ghalhekk, is-sitwazzjoni ghall-finijiet ta' dan l-appell giet kristalizzata meta nghata l-verdett mill-gurati skond il-ligi u taht ir-regim allura vigenti. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, li kieku f'dawn ic-cirkostanzi kellha tiehu in konsiderazzjoni t-tibdil li sar fil-ligi, tista' tkun qed tippregudika l-jedd ta' l-appellant ghal smigh xieraq in kwantu s-sottomissjonijiet u l-argumenti allura maghmula u migjuba quddiem il-gurati kienu mfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet dakinhar, u mhux ta' kif inbidlet sussegwentement. Dan il-jedd huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u din il-Qorti ghandha d-dmir li tissalvagwarda tali jedd."**

**17.** Fil-każ in eżami t-tibdil proċedurali sar qabel ma ġie ċelebrat il-ġuri. Kwindi lanqas ma teżisti dik il-biża' li seta' kien hemm fil-każ **Amber**. Inoltre l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jinċidix fuq jekk l-atti ta' l-appellant Cefai jammontawx jew le għal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dawk l-atti. L-appellant Cefai stess ma kkontestax il-verdett (allura l-fatt li hu wettaq reati) iżda l-piena. Fiċ-ċirkostanzi, l-eċċezzjoni ta' l-appellant Cefai ma timmeritax akkoljiment. Konsegwentement din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

**18.** L-Avukat Ġenerali qiegħed jikkontendi li l-ewwel Qorti għamlet miżinterpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta tal-liġi li affettwaw il-verdett in kwantu jirrigwarda l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, u għalhekk l-appellant Cefai kellu jinstab ħati kif oriġinarjament akkużat fl-Ewwel Kap, cioe` ta'

tentattiv ta' omiċidju; li seħħew irregolaritajiet waqt il-proċedura, senjatament ikkawżati minn nuqqas ta' qbil mill-prosekuzzjoni dwar is-*sample verdict* mogħti lill-ġurati; li l-piena hija waħda mtaffija iż-żejjed.

**19.** L-ewwel aggravju jirrigwarda l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. L-Avukat Ġenerali jgħid:

> "Illi l-appellant umilment jissottometti li waqt li 1-Qorti Kriminali kienet qed tispjega l-elementi kemm materjali kif ukoll formali kif rikjesti sabiex jissussisti r-reat tat-tentattiv ta' omicidju volontarju l-istess Qorti ghamlet ċerta enfażi fuq kriterji li bir-rispett kollu lanqas hemm il-ħtiega li jigu ppruvati. In fatti l-esponent Avukat Generali umilment jemmen li d-direzzjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali kienet waħda żbaljata f'dan is-sens u wasslet għall-verdett ta' ħelsien fir-rigward tal-ewwel kap kif miġjub mill-Avukat Generali.
>
> "Illi preliminarjament jingħad illi meta l-Qorti kienet qed tispjega l-elementi tat-tentattiv t'omiċidju rreferiet għad-daqqiet li ingħataw f'dan il-każ bhala atti preparattivi. L-esponent jemmen li dan x'aktarx kien żball genwin tal-Qorti Kriminali iżda meta dan il-fatt gie umilment sottomess lill-Qorti Kriminali mill-prosekuzzjoni mingħajr il-preżenza tal-ġurati, filwaqt li l-ewwel Qorti kkoncediet illi riedet tfisser atti ta' ezekuzzjoni, b'ċertu leġġerezza l-istess Qorti stqarret li x'aktarx il-gurati fehmuh tant illi dan il-punt qatt ma gie kjarifikat fl-indirizz. Bir-rispett kollu jingħad illi f'dan il-każ kien hemm obbligu tal-imħallef illi jiċċara dan il-punt lill-gurati fl-eventwalita' reali li xi uħud minnhom jekk mhux kollha ma jkunux fehmuh. Id-distinzjoni bejn l-atti preparatorji u dawk ezekuttivi għall-fini tat-tentattiv hija mportanti ferm apparti l-fatt li jista' jkun hemm *a very fine line* bejniethom. F'dan il-każ ir-referenza ghad-daqqiet bl-istrument li jaqta' jew bil-ponta li Cefai ta lil Portelli bħala atti preparatorji prattikament irendu impossibbli kwalunkwe tentattiv ta' reat għax atti eżekuttivi iktar cari minn hekk ma jistax ikun hemm.
>
> "Illi fit-tieni lok l-esponent jixtieq jagħmel referenza diretta għal dak li l-ewwel Qorti spjegat fl-indirizz tagħha preċiżament għas-silta li jmiss:
>
> "*'Mela meta niġu għall-ewwel akkuża, one, il-fatt materjali huwa ammess, veru illi l-akkużat ta daqqiet ta' sikkina lil Portelli u kkaġunalu feriti gravi. Jekk dawk il-feriti kinux tali li jwasslu,* ***kienu ser iwasslu ghal-mewt hija kwistjoni ta' fatt illi tridu tiddeċiedu'.***[5] *Intom Sinjuri tridu tikkonċentraw biss fuq l-element intenzjonali, x'kien il-hsieb ta' l-akkużat wara dak illi ghamel. Ma ghandniex dubju illi hu kien illi ta d-daqqiet. Ma ghandniex dubju li kien hu li kkawza feriti gravi.* ***Mela l-ewwel tridu taraw jekk dawn il-feriti kinux wahedhom ser iwasslu ghal mewt jew le.***[6] *Dik hija kwistjoni ta'fatt li tridu taraw intom.'*
>
> "Illi mill-qari ta' din is-silta evidentement l-ewwel Qorti għamlet aċċenn u enfazi għall-fatt li l-gurati iridu jiddeċiedu jekk fil-fatt il-feriti li sofra Portelli setgħux kienu fatali jew le u dan kellu jkun l-ewwel pass qabel ma ssir l-evalwazzjoni tal-

[5] Enfazi tal-appellant.
[6] Enfazi tal-appellant.

intenzjoni li seta' kellu l-akkuzat meta kkommetta dan l-att senjatament meta kkaguna dawn il-feriti gravi u gravissimi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli. Bir-rispett kollu dan huwa għal kollox irrelevanti. Kif ġie spjegat fir-rekwizitorja lanqas hemm il-ħtiega li ikun hemm feriti kkaġunati sabiex jirriżulta dan ir-reat. Huwa in konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha u tal-mod kif l-att jiġi ezegwit, inkluz anki l-agir u forsi anki xi diskors li jista' jsir li l-esiztenza o meno ta' dan ir-reat għandu jiġi stabbilit.

"Illi effettivament u wara li l-imħallef esprima ruħu b'dan il-mod, il-prosekuzzjoni ħasset il-ħtiega li taċċenna għal dan il-fatt mingħajr il-prezenza tal-ġurati u dan sabiex tara jekk l-imħallef kienx tal-intenzjoni li jsemmi dan il-fattur o meno. Madankollu r-reazzjoni tal-imħallef sedenti kienet u nikkwota "daqs kemm ghamiltuha cara intom din hemm bzonn nerga' noqghod nghidha jien ukoll!". Bir-rispett kollu kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża m'għandhomx l-aħħar kelma dwar il-liġi u l-elementi tagħha tant illi entrambi l-partijiet jistiednu lill-ġurati sabiex joqogħdu fuq il-kelma tal-imħallef dwar il-ligi finalment anki l-istess imħallef fil-Qorti Kriminali jagħtihom l-istess direzzjoni għax filwaqt li huma mħallfin tal-fatt mhumiex imħallfin tal-ligi, apparti l-fatt magħruf li ħadd mill-ġurati ma jkun qatt studja l-ligi u kwindi iktar u iktar il-kunċetti legali iridu jiġu spjegati sew mill-imħallef. Madankollu allavolja l-prosekuzzjoni għamlet dan l-aċċenn b'mod kemm seta' kien diplomatiku, il-Qorti Kriminali mhux talli skartat dan is-suggeriment iżda meta mfakkra li 1-gurati finalment jistrieħu fuq id-direzzjoni tal-Qorti xorta waħda m'għamlet l-ebda referenza għaliha. Mhux talli hekk biss, izda talli fil-parti aħħarija tal-indirizz meta l-imallef kien qed idur l-opzjonijiet fis-*sample verdict* mogħtija lill-gurija, l-imħallef sedenti rega tenna 'l-ewwel haġa li tridu tiddeterminaw hija jekk il-ferita li sofra Portelli hijiex life threatening jew le, setax jitlef hajtu jew le.'

"Illi dejjem b'kull rispett u reverentement jingħad illi kaġun ta' dan, il-gurati taw importanza għall-fatt waħdu konċernanti l-fatalita' li setgħet irrizultat o meno mill-feriti kkagunati. Issa mill-provi rrizulta li kien hemm biss żewġ feriti minn erbatax-il daqqa li setgħu kkagunaw il-mewt ta' Portelli u dan skond dak li stqarr kemm it-tabib Refalo li mmedikah inizzjalment kif ukoll l-espert tal-Qorti it-tabib Mario Scerri.[7] Allura ċirkostanzjalment jekk nitkellmu biss fuq żewg feriti minn erbata- il daqqa huwa evidenti għalfejn il-ġurati pprospettaw ir-reat tal-feriti gravi flok dak tat-tentattiv t'omiċidju. Jinghad infatti li l-erbatax-il daqqa darba biss issemmew f'dan l-indirizz, fatt mhux innegat, li bir-rispett kollu kellu jingħata l-importanza tiegħu wkoll. Mhux talli hekk biss imma talli kien hemm mumenti fl-indirizz meta l-Qorti rreferiet ukoll ghall-provi cirkostanzjali bħala immaginazzjoni tal-prosekuzzjoni u dan kollu sempliċiment minħabba osservazzjonijiet li l-prosekuzzjoni hasset il-ħtiega li taghmel waqt ir-replika taghha u dan fid-dawl tal-provi li kellha fil-kawza taghha, li ma kinux provi vvintati jew immaġinati iżda effettivament kienu provi ċirkostanzjali li kienu kkorroborati minn iktar minn xhud wieħed.

"Illi kwindi l-esponent umilment jissottometti li minħabba l-mod kif l-imtallef fil-Qorti Kriminali spjega xi uhud mill-elementi jew rekwiziti tar-reat tat-tentattiv t'omiċidju volontarju, l-gurati ġew indirettament iddireguti biex jiskartaw din it-

[7] Araw i1-konkluzjonijiet tar-rapport tat-Tabib Scerri a folio 1 87 Vol 1 (Dok MS I ) tal-atti proċesswali.

teżi meta l-ewwel Qorti enfasizzat fuq l-importanza tal-fatalita' o meno tal-feriti kkagunati meta dan il-fatt lanqas biss huwa minimament relevanti u għaldaqstant il-liberatorja tal-akkużat Paschalino Cefai mill-ewwel Kap ta' Akkuża kienet waħda ingusta fiċ-ċirkostanzi u għandha tigi varjata minn din l-Onorabbli Qorti."

**20.** B'referenza għall-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, din il-Qorti tirreferi għall-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri. Fil-parti relattiva ta' l-indirizz, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jibda biex jispjega t-tentattiv b'referenza għal eżempju ta' tentattiv ta' serq[8], fejn jiddistingwi bejn atti preparattivi u atti ta' esekuzzjoni. Meta mbagħad jirreferi għall-każ odjern[9], jgħid:

"F'dan il-każ il-prosekuzzjoni qiegħda tistedinkom sabiex tipprospettaw il-ħsieb illi l-akkużat Cefai ried joqtol lil Portelli. Dan għamlu billi beda atti preparattivi, beda jagħti daqqiet bis-sikkina, mhix waħda jew tnejn, infatti mill-provi araw kemm – hawnhekk jirriżulta li kienu erbatax-il daqqa – pero` ġie mfixkel fil-ħsieb finali tiegħu tal-mewt b'intervent f'waqtu tat-tobba.... L-attentat 'il għaliex beda l-esekuzzjoni tal-ħsieb tiegħu, wettaq parti minn din l-esekuzzjoni u ma rnexxilux 'il għaliex daħlu t-tobba u salvaw il-ħajja tal-vittma tiegħu, ta' Portelli."

**21.** Il-prosekuzzjoni ssostni illi meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal "beda atti preparattivi, beda jagħti daqqiet bis-sikkina", kien qiegħed jekwivali d-daqqiet bis-sikkina ma' atti preparattivi. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal hekk, kull ma ġara hawn kien li ntużaw erronejament il-kliem "beda atti preparattivi" u l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kkorreġa lilu nnifsu minnufih billi qal "beda jagħti daqqiet bis-sikkina". Żgur li ma kien hemm l-ebda intenzjoni li jiġu ekwiparati atti preparattivi ma' atti esekuttivi. Difatti din il-Qorti nnotat illi anke meta l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jagħti l-eżempju ta' tentattiv ta' serq, wara li spjega l-atti preparattivi u ġie biex jindika l-atti ta' esekuzzjoni, qal "u nibda nagħmel l-atti preparattivi, u nibda biex nesegwixxi". Huwa ċertament opportun illi meta Imħallef ikun qiegħed jindirizza l-ġurati u jikkorreġi lilu nnifsu, għandu jispjega lill-ġurati li kien qiegħed jikkorreġi ruħu. Fi kwalunkwe każ, bla ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jitqies li l-ġurati setgħu b'xi mod fehmu li daqqiet ta'sikkina kienu atti preparattivi u mhux atti esekuttivi, tant li, fis-silta fuq ċitata, l-ewwel Qorti minnufih spjegat li "l-attentat 'il għaliex beda l-esekuzzjoni tal-ħsieb tiegħu, wettaq parti minn din l-esekuzzjoni ...". Għalhekk dan l-ewwel ilment huwa respint.

**22.** It-tieni lment ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-mod kif isostni li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri enfasiżża li l-ġurati kellhom jaraw jekk l-offiżi li ġarrab il-vittma setgħux iwasslu biex jitlef ħajtu.

---

8 Paġna 160 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
9 Paġni 160 u 161 *ibidem*.

2**3.** Din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Ġenerali illi fit-tentattiv huwa mmaterjali jekk offiża kinitx *life-threatening* jew le. Dak li jrid jiġi stabbilit huwa x'kienet l-intenzjoni tal-perpetratur. Jekk offiża tkunx *life-threatening* jew le hija waħda mill-provi li trid tittieħed flimkien mal-provi l-oħra kollha miġjuba.

**24.** Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Casaletto** tat-8 ta' Novembru 1998, "... skond il-ligi taghna fl-omicidju volontarju l-intenzjoni mhux trid tkun bilfors dik ta' qtil (animus necandi). Hu bizzejjed jekk l-intenzjoni kienet li jpoggi l-hajja ta' dak li jkun f'periklu car. Meta l-intenzjoni hi li toqtol allura dik hija intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hija li tpoggi l-hajja f'periklu car dik hija intenzjoni posittiva indiretta. ... Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli tal-*actus reus* liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-*actus reus* kien mixtieq u volontarju allavolja il-konsegwenza ma kenitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva." Fl-assenza ta' xi waħda jew oħra ta' dawn iż-żewġ forom ta' intenzjoni, kien leġittimu għall-ġurati li jikkonkludu li l-appellant ried biss iweġġa' lil Portelli.

**25.** Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wieħed irid jara x'kienu l-fatti – l-att materjali li sar – kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fih seħħ dak l-att materjali. Wieħed irid jara x'arma intużat, kif intużat, 'il fejn ġiet indirizzata jew ġew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li ngħatat id-daqqa jew li ngħataw id-daqqiet.

**26.** Għalhekk l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma kienx għal kollox preċiż meta qal lill-ġurati: "Mela l-ewwel tridu taraw jekk dawn il-feriti kinux waħedhom ser iwasslu għal mewt jew le." Jew meta kien qiegħed idur l-opzjonijiet fis-*sample verdict* qal: "L-ewwel ħaġa li tridu tiddeterminaw hija jekk il-ferita li sofra Portelli hijiex *life-threatening* jew le, setax jitlef ħajtu jew le."

**27.** Nonostante cio` diffiċilment tista' tikkonkludi din il-Qorti li l-verdett raġġunt mill-ġurati kien dovut għall-fatt li setgħu kkonkludew li ma kien hemm l-ebda offiża li kienet *life-threatening*. Difatti, anke jekk stess ikkonkludew hekk, xorta kellhom jeżaminaw, kif diretti mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, x'kienet l-intenzjoni ta' l-appellant Cefai. U l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri dan il-punt enfasiżżah meta qal: "Intom Sinjuri tridu tikkonċentraw biss fuq l-element intenzjonali; x'kien il-ħsieb ta' l-akkużat wara dak illi għamel."[10] U wara li jgħid lill-ġurati li għandhom jaraw jekk l-offiżi kinux ser iwasslu għall-mewt jew le, jgħid: "Imbagħad il-kwistjoni ta' l-intenzjoni. Kif ser taslu għaliha? Kif ser tidħlu ġo dan il-moħħ? Ħadd ma ġie hawnhekk u jgħidilkom x'hemm hemm

[10] Paġna 161 *ibidem*.

ġew, ma jistax ikun dan. Intom tridu taslu għaliha mill-provi li għandna hawnhekk, iċ-ċirkostanzi tal-kawża." Minn hawn l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri jirreferi fid-dettal għal dawn iċ-ċirkostanzi. Anke meta kien qiegħed jindirizza lill-ġurati dwar is-*sample verdict*, wara li jgħidilhom biex jiddeterminaw fl-ewwel lok jekk "il-ferita li sofra Portelli hijiex *life-threatening* jew le, setax jitlef ħajtu jew le", jgħid: "Wara dan idħlu fl-intenzjoni u araw x'intenzjoni kellu l-akkużat dak il-ħin ta' l-aggressjoni, kinitx intenzjoni omiċida jew li jpoġġi l-ħajja f'perikolu ċar, jew inkella kienx biss illi jikkawża ferita gravi."

2**8.** F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa respint.

**29.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jsostni li seħħet irregolarita` fil-proċeduri meta mal-qari tas-*sample verdict* li kien ser jingħata lill-ġurati ma kienx hemm qbil da parti tal-prosekuzzjoni dwar l-opzjonijiet ipprospettati fir-rigward ta' l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża u l-ewwel Qorti xorta pprovdiet dak is-*sample verdict* lill-ġurati. L-Avukat Ġenerali jissottometti:

> "Illi filwaqt li hawnhekk qed issir referenza ai fini ta' kompletezza għas-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni, mid-difiża u mill-Qorti f'dan ir-rigward jingħad ai fini ta' spjega li meta l-partijiet gew ippreżentati bis-*sample verdict* ghall-evalwazzjoni tagħhom il-prosekuzzjoni nnotat illi kien hemm opzjoni dwar it-tentattiv t'omiċidju akkumpanjata b'agitazzjoni tal-moħħ jew passjoni istantaneja li ma kinitx dibattutta mid-difiza bħala alternattiva għat-tentattiv t'omiċidju kif migjub u għaldaqstant din l-opzjoni kellha titneħħa. Di piu u iktar importanti minn hekk, l-Avukat Generali ssottometta wkoll li ma kienx hemm l-opzjoni tal-feriti gravissimi apparti dawk gravi li kif taf ben tajjeb din il-Qorti iwasslu għal ċirkostanzi differenti fl-eventwalita' tal-ħtija minn dawk tal-feriti gravi taħt l-artikolu 216. Din l-opzjoni kellha tigi nkluża in vista tal-fatt li l-effett permanenti ta' xi uħud mill-feriti kkaġunati fuq Portelli ġew ippruvati apparti l-fatt li ma saret l-ebda kontestazzjoni dwarhom mid-difiża u kwindi anki din l-opzjoni kellha tkun inkluza bħala alternattiva oħra għar-reat tat-tentattiv t'omiċidju u di piu dan huwa reat kompriz u nvolut fir-reat ipprospettat tat-tentattiv t'omiċidju. Madankollu d-difiza ma qablitx ma dak ipprospettat mill-Prosekuzzjoni, kemm fir-rigward tal-ewwel suġġeriment kif ukoll fir-rigward tat-tieni proposta, fejn fir-rigward tal-ewwel sottomissjoni ssottomettiet illi d-difiza tagħha kienet ukoll tkopri l-opzjoni indikata fis-*sample verdict* (tentattiv t'omiċidju skużat bl-agitazzjoni tal-moħħ jew passjoni istantaneja) u fir-rigward tat-tieni proposta ssottomettiet li peress li d-difiża ma kinitx qed tikkontendi l-ferita gravissima imma dik gravi biss allura ma setgħetx tiġi inkluża wkoll. Kif din l-Onorabbli Qorti tista timmaġina inqala' battibekk fuq dawn is-sottomissjonijiet u kien evidenti wkoll li ma kien hemm l-ebda qbil bejn il-partijiet. Kif l-ewwel Qorti rrealizzat li l-prosekuzzjoni ma kinitx ser taqbel dwar il-kontenut tal-verdett, l-imħallef sedenti iddikjara li jekk il-prosekuzzjoni ma kinitx ser taqbel kien ser jieħu r-responsabbilta' hu tal-verdett u anki jekk il-prosekuzzjoni ma tiffirmax ghaliha, il-verdett li kellu quddiemu (cioe dik bl-opzjoni tat-tentattiv t'omiċidju skużat mill-eċitazzjoni tal-moħħ jew passjoni

istantaneja u minghajr l-alternattiva tal-feriti gravissima kemm bi kwalunkwe skużanti u kemm mingħajr) kien ser ikun il-verdett li jinghata lill-gurati. Hekk fil-fatt ġara. Il-prosekuzzjoni ma ffirmatx is-*sample verdict* u fil-fatt kien dan is-*sample verdict* li nghata lill-gurati.

"Illi bir-rispett kollu jingħad illi fl-eventwalita' ta' dan id-disgwid l-imħallef sedenti kellu jistabilixxi kompromess bejn dak mitlub mill-prosekuzzjoni u dak sottomess mid-difi±a u mhux jibqa' għaddej b'li kien hemm irrispettivament tal-oġġezzjoni mqajjma. Jingħad ukoll illi l-istess imħallef sedenti lanqas biss spjega id-differenza bejn dak li jikkostitwixxi ferita gravi u gravissima fl-indirizz tiegħu allavolja din l-ispjega kienet inghatat mill-prosekuzzjoni fir-rekwizitorja tagħha (li madankollu u għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel hawn f'dan l-appell mhux sufficjenti) u allavoija s-Sur Portelli subixxa kemm feriti gravi kif ukoll feriti gravissimi. Di piu meta gie biex jispjega l-kap dwar il-ferita gravissima subita mill-Avukat Kevin Monpalao ftit li xejn inghad u dan peress illi l-Qorti Kriminali ddikjarat li peress li l-ferita kienet fuq minkeb l-Avukat Monpalao u mhux fuq l-id allura din hija ferita ħafifa u waqfet hemmhekk u kwindi lanqas f'dak 1-istadju ma saret xi referenza għall-klassifikazzjonijiet tal-feriti skond il-liġi tagħna.

"Illi inoltre jingħad illi l-inseriment ta' kap dwar feriti gravissimi kienet mhux biss ideali imma necessarja u dan peress illi f'ċirkostanza ta' ħtija għal ferita gravissima, c-cirkostanzi tagħha kienu jkunu differenti minn dawk tal-ferita gravi. L-gurati ma ngħatawx l-għażla u ghaldaqstant, u differenti minn dak li l-Qorti stqarret fl-indirizz taghha, ma nghatawx 'il-kumbinazzjonijiet u 1-possibiltajiet kollha li tistghu taslu ghalihom'.[11] B'hekk dan wassal għal irregolarita' fil-proċeduri li għandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti.

"Illi in vista wkoll ta' dan hawn fuq sottomess u mingħajr preudizzju għas-sottomissjonijiet magħmula dwar is-sejbien ta' ħtija tat-tentattiv t'omiċidju ta' Joseph Portelli kif miġjuba oriġinarjament fl-ewwel Kap tal-att tal-akkuża, huwa evidenti mill-provi illi jekk il-ġurati kien jidhrilhom li m'għandhomx isibu ħtija tat-tentattiv t'omiċidju, kellhom isibu ħtija tal-ferita gravissima. Senjatament mix-xhieda ta' Joseph Portelli (vittma) irriżulta illi xi uħud mill-feriti li hu ssubixxa minn id l-akkużat, kkaġunawIu difett permanenti jew x'aktarx permanenti. Hu fil-fatt fix-xhieda tieghu jispjega li sofra inċizjoni f'idu l-leminija li qatatlu n-nerv u li wasslet għal nuqqas ta' sensazzjoni f'parti t'idu. Di piu kellu wkoll saba li kwai nqatalu barra li sa smiegħ il-ġuri il-vittma ma kienx f'posizjoni li jċaqalqu sew (subgħajh) u fuq mistoqsija li saritlu mill-prosekuzzjoni waqt ix-xhieda tieghu hu stqarr li għadu s'issa ma jistax jagħaq is-saba in kwistjoni bħalma jagħlaq subgħajh l-oħra.

"Kwindi dejjem minghajr preġudizzju, qed jinghad illi jekk din l-Onorabbli Qorti, wara li tqis li saret irregolarita' fil-proċeduri meta l-Qorti eskludiet l-alternattiva tal-ferita gravissima għall-ewwel Kap t'Akkuża kif miġjub, hi tal-fehma li r-reat ta' tentattiv t'omiċidju ma jissussistix fil-konfront tal-akkużat, l-esponent umilment jistieden illi din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonsidra s-sejbien ta' ħtija tal-ferita gravissima taħt l-artikolu 218(1)(a) u 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

[11] Pagna 29 tal-indirizz tal-imballef.

**30.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi m'hemm xejn fil-liġi li jgħid li l-ġurati għandhom jingħataw *sample verdict*. Li jingħataw *sample verdict* hija biss prassi li bdiet tintuża xi snin ilu għall-konvenjenza tal-ġurati bl-iskop illi jiġu evitati verdetti konfużjonali.

**31.** Issa, l-Avukat Ġenerali qiegħed isostni li kien hemm verdett alternattiv dwar l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża li kellu jitneħħa għax ma kienx dibattut mid-difiża bħala verdett alternattiv, filwaqt illi kellu jiġi inserit verdett ieħor – dak ta' offiża gravissima – għax irriżulta li Portelli sofra offiża ta' natura permanenti u dwar dan ma saret l-ebda kontestazzjoni mid-difiża.

**32.** Hawn din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok għal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha mogħtija fl-14 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Albert Ellul**:

> **"Huwa veru illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta numru ta' verdetti alternattivi li ma ssemmewx mid-difiza, izda dan ghamlu ghaliex, kif qal hu stess, "irrid inpoggilkom kull ipotesi biex intom ikollkom ix-xelta, ghaliex intom tridu tiggudikaw, tridu jkollkom ix-xelta bejn haga u ohra". Bhalma l-Imhallef li jippresjedi guri mhuwiex marbut li jsemmi u jirreferi ghal <u>kull</u> sottomissjoni li tkun saret mill-partijiet, hekk ukoll mhuwiex marbut li jsemmi <u>biss</u> u unikament dak li rreferew ghalih il-partijiet. Naturalment fejn tezisti sitwazzjoni li d-difiza tkun qed tammetti li jkun sar att partikolari, viz. omicidju volontarju, u s-sottomissjonijiet jirrigwardaw biss jekk hix applikabbli xi skuzanti u f'dak il-kaz liema skuzanti hi applikabbli fic-cirkostanzi, jista' jinghad li huwa inutili li fl-indirizz joqoghdu jissemmew alternattivi ohra li effettivament jistghu joholqu konfuzjoni f'mohh il-gurati. Il-fatt li jissemmew pero` ma jikkostitwix irregolarita`. Fi kwalunkwe kaz, il-biza' ta' l-appellant li dan kollu seta' holoq konfuzjoni f'mohh il-gurati hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, infondata ghax jirrizulta li dawn il-figuri alternattivi li pprospetta l-Imhallef li ppresjeda l-guri u li ma kinux issemmew mid-difiza fi kwalunkwe kaz gew minnhom skartati ghal kollox."**

**33.** Fil-każ odjern, għalhekk, bil-fatt li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri daħħal fis-s*ample verdict* it-tielet opzjoni, ma saret l-ebda irregolarita`. U hawn ukoll fi kwalunkwe każ din l-opzjoni ġiet skartata mill-ġurati.

**34.** Kwantu għall-fatt li fis-*sample verdict* ma ġietx inserita l-opzjoni ta' l-offiża gravissima, jirriżulta li tul is-smiegħ tal-provi u waqt it-trattazzjonijiet dettaljatissimi ta' l-abbli prosekutriċi u ta' l-abbli difensur, dan il-punt qatt ma tqajjem u qatt ma ġie dibattut. Id-difiża minn dejjem aċċettat u insistiet li dan kien każ ta' offiża gravi. Il-prosekutur insistiet li l-appellant Cefai kellu jinstab ħati skond kif akkużat fl-Ewwel Kap. Fir-rekwiżitorja, saret referenza għad-distinzjoni bejn offiża gravi u offiża gravissima biss in konnessjoni mat-Tieni

Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Huwa veru illi l-offiża gravissima hija kompriża u involuta fit-tentattiv ta' omiċidju bħalma hija l-offiża gravi. Huwa veru wkoll illi l-liġi titkellem biss dwar offiża gravi u d-distinzjoni bejn il-gravi u l-gravissima toħroġ mill-pieni applikabbli għaċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali rispettivament. Iżda a bażi ta' dak kollu li kien sar u l-provi li nstemgħu waqt il-ġuri, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kellu kull dritt jiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni. Difatti fl-ebda istanza ma ndikat il-prosekuzzjoni illi l-offiża li ġarrab Joseph Portelli f'idu kellha titqies bħala waħda ta' natura gravissima.

**35.** Għaldaqstant anke t-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa miċħud.

**36.** It-tielet aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-piena. Hawn l-Avukat Ġenerali qiegħed jitlob reviżjoni tal-piena jekk jiġi akkolt l-ewwel aggravju jew jekk, alternattivament, jiġi akkolt it-tieni aggravju. Ġaladarba l-ebda wieħed minn dawn l-aggravji ma ġie akkolt anke it-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud. B'hekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' Paschalino Cefai.

**37.** L-appell ta' Paschalino Cefai huwa dwar il-piena. Huwa jsostni li din kienet ħarxa żżejjed. Huwa jissottometti:

> "Illi jinghad li l-appellant jikkontendi, bid-dovut rispett, illi l-Ewwel Qorti kienet harxa zzejjed mieghu fil-piena illi taghtu u dana peress illi jekk wiehed jaghmel il-kalkolu tieghu, il-Qorti kwazi kwazi tat il-massimu kontemplat fil-Ligi bhala piena lill-appellant;
>
> "Illi tajjeb li wiehed izomm f'mohhu, illi f'dan il-kaz, l-akbar kontestazzjoni kienet biss indirizzatha fil-konfont tal-ewwel zewg kapi ta' akkuza u dan ghax in kwantu ghall-kapi l-ohra, l-appellant ftit li xejn, akkademikament, offra rezistenza u kien car mal-gurija dwar x'kellu ikun 1-ezitu;
>
> "Illi in kwantu l-ewwel zewg kapi, il-gurati sa certu punt, qablu mat-tezi tad-difiza u ghalhekk l-appellant jikkontendi li dan il-fattur, u cioe' il-pratticita' li bih mexa 1-esponent, kellu jitttiehed in konsiderazzjoni meta giet erogata il-piena fil-konfront tieghu;
>
> "Illi bid-dovut rispett, jidher li dan il-punt, minkejja li gie sollevat fit-trattazzjoni dwar il-piena, l-Ewwel Qorti ftit li xejn dahlet fih;
>
> "Illi 1-appellant jikkontendi bid-dovut rispett u b'responsabbilita', illi l-Ewwel Qorti tat il-piena li tat, ghaliex ftit li xejn kellha simpatija mal-appellant;
>
> "Illi ghalkemm, il-Gudikant ghandu dritt li jifforma wkoll l-opinjoni tieghu u jaghti il-konsiderazzjonijiet xierqa waqt l-ghoti tas-sentenza, certament ma jistax jimponi tali hsibijiet fuq il-gurija U anke anqas ma jista' jaghti sentenza li tkun kolpita, sa certu punt, bi pregudizzju kontra l-akkuzat;

“Illi l-esponenti jaghmilha cara li l-argument li qed igib huwa li l-Ewwel Qorti tat il-piena li tat, mhux ghaliex dik il-piena kienet wahda idonea, izda ghaliex kienet spinta minn hsibijiet negattivi illi l-Qorti kellha fil-konfront tal-appellant innifsu;

“Illi tajjeb jinghad, li sa minn qabel il-process tal-gurija, fl-ahhar rikors ghat-talba tal-helsien mill-arrest li kien ghamel l-esponenti, l-istess Qorti kif komposta, ghazlet li mhux biss tichad it-talba tal-akkuzat ghall-helsien mill-arrest izda anke li tikkwalifikaha b’aggettivi meta din iddikjarat li l-appellant ma kienx jixraqlu li jinghata l-helsien mill-arrest ghaliex huwa kien ‘nicca qasira’;

“Illi bid-dovut rispett, l-appellant jikkontendi li l-Qorti ghandha kull dritt jew li tilqa’ jew li tichad talba bhal din, izda certament li wiehed seta’ jghaddi minghajr hafna aggettivi f’digriet bhal dan;

“Illi dan l-atteggjament negattiv kompla waqt il-kors tal-gurija fejn fl-indirizz tal-Imhallef togat, dan ghazel li apparti illi jaghti l-ispjegi tal-elementi legali, jghid ukoll x’tahseb il-Qorti fuq id-difiza moghtija fuq 1-appellant, u aghar minn hekk, fuq l-interpretazzjoni tal-fatti, li l-ligi stess taghmilha cara li ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gurati;

“Illi meta l-Imhallef togat beda jispjega x’inhuma provi cirkostanzjali, huwa qal lill-gurija illi f’dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li jezistu bizzejjed provi cirkostanzjali biex il-gurati jaslu dwar jekk l-appellant kellux il-hsieb li jikkommetti omicidju fuq il-persuna ta’ Joseph Portelli;

“Illi certament, dan il-kumment kien wiehed gratuwitu ghall-ahhar u perikoluz immens u dan ghaliex, certament, li tali kumment, ma ntqalx b’mod kappriccuz izda ntqal biex il-Qorti tezercita influwenza fuq il-gurati dwar x’tip ta’ verdett kellhom johorgu bih;

“Illi sfortunatament dan l-atteggjament ma waqafx hemm u fil-kors tal-indirizz taghha, meta l-Qorti giet biex tispjega d-difizi moghtija mid-difiza, 1-istess Qorti iddikjarat pubblikament fl-indirizz, illi fil-fehma taghha, d-difiza tal-involontarjeta’ u d-difiza tal-agitazzjoni mentali waqt il-kummissjoni tar-reat, hija ma kinitx bhala Qorti qeghdha taqbel maghhom;

“Illi l-argument kollu hawn, m’huwiex dwar jekk id-difiza kelliex ragun jew le f’dawk is-sottomissjonijiet legali li kienet qeghdha taghmel, izda illi l-Qorti ma kinitx korretta dwar jekk kellhiex tiddeciedi hi in kwantu id-difiza kelliex ragun jew le;

“Illi kien jispetta lill-gurati illi janalizzaw il-fatti u mbaghad jaraw jekk dawn jinkwadrawx fil-legalizmi spjegati mill-Qorti u mhux bil-maqlub;

“Illi kif inghad, dawn l-argumenti qeghdin jitressqu f’dan l-umli appell, peress li l-esponenti jikkontendi illi din il-Qorti tant kienet traxxinatha mill-hsibijiet negattivi fil-konfront tal-akkuzat, illi hija ma setghet qatt tasal ghal gudizzju oggettiv meta tigi biex wara l-verdett tikkonsidra l-piena;

"Illi apparti mill-fatt illi l-Qorti erogat il-massimu tal-piena kif inghad, l-aggettivi fil-konfront tal-akkuzat komplew anke fis-sentenza moghtija;

"Illi 1-Qorti ghazlet bid-dovut rispett, illi tinsulta il-verdett tal-gurati, meta fis-sentenza ikkummentat "issa li l-verdett huwa dak li hu?';

"Illi kumment bhal dan, bid-dovut rispett, huwa wiehed li kwazi kwazi jimmina x-xoghol ghaqli li ghamlet il-gurija, fejn f'kaz bhal dan, wara li semghet ix-xhieda u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, kellha l-kompitu ferm difficli li taghmel ezami akkurat tal-element tax-xjenza li kellu l-akkuzat waqt il-kummissjoni tar-reat;

"Illi dan l-ezercizzju tal-gurati kien rez aktar difficli, bl-indirizz zbilancjat ghall-ahhar li ghamlet l-Ewwel Qorti lill-gurija, minhabba fir-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'dan l-aggravju;

"Illi nonostante dana kollu, il-gurija fehmet ezattament, anke wara li analizzat il-provi, ezattament x'sehh u harget bil-verdett li harget;

"Illi 1-fatt li donnu l-Ewwel Qorti, ghal ragunijiet li tafhom hi biss, ghaddiet il-kumment li hawn fuq gie kwotat, certament illi johloq sitwazzjoni antipatika ghall-ezercizzju u x-xoghol diligenti li ghamlu l-gurati f'dan il-kaz;

"Illi dan il-kurnment, apparti li kif inghad jimmina lill-gurija, kien ukoll fih innifsu espressjoni ohra negattiva, li l-Qorti manifestament ghazlet li tiehu kontra l-akkuzat;

"Illi il-Qorti ma waqfitx hemm u ddecidiet li *obiter* ukoll tghaddi kumment fis-sens illi ikun ghaqli li l-gurati jibdew jinghataw kopja tal-fedina penali fil-kors tal-guri;

"Illi l-appellant, ghalkemm ghandu l-hsibijiet tieghu dwar dan, hsibijiet li jmorru dijametrikament oppost ghall-opinjoni tal-Qorti, hass li l-messagg li riedet tibghat l-Ewwel Qorti, kien fis-sens illi li kieku l-gurati kellhom il-fedina penali tal-imputat, dawn setghu jiddeciedu xorta ohra;

"Illi frankament l-appellant jikkontendi bir-rispett, illi l-hsieb tal-Qorti kien, li jigi legalizzat il-pregudizzju, u dana ghamlitu kif inghad fis-sentenza moghtija u biex tiggustifika il-piena illi hija kkundannat fuq 1-esponenti;

"Illi huwa minnu illi l-vot kien wiehed ta' 6-3 u cioe' vot minimu, izda dan il-fattur, ma jistax jinghata ebda interpretazzjoni minhabba illi kellek diversi possibilitajiet ta' verdett, fejn apparti is-sejbien ta' htija ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, il-gurija kellha wkoll quddiemha il-verdett ta' kummissjoni tar-reat waqt agitazzjoni u passjoni istantanea;

"Illi ghalhekk wiehed ma jistax jaghmel l-ezercizzju li ghamlet l-Ewwel Qorti li tinterpreta it-tliet voti kontra, bhala li setghu marru favur it-tezi tal-prosekutur, u dan ghaliex, kif jindika s-*sample verdict* stess, ix-xenarji kienu pjuttost differenti u voluminuzi;

"Illi inoltre, l-esponenti aktar ukoll, izda mhux biss li hassu aggravat, kien ghal fatt li apparti fuq l-ewwel kap hu gie kkundannat il-massimu kontemplat mill-Ligi, in kwantu ghas-sitt kap, apparti mill-fatt li l-Qorti erogat il-massimu ta' sitt xhur habs effettivi, ghazlet ukoll li ttellef lill-appellant il-garanzija personali u d-depozitu li huwa kellu f'kawza ohra;

"Illi 1-Qorti, sa mill-bidu ta' dan il-kaz, kienet ferm edotta mill-fatt, illi l-appellant, bniedem li kien marid f'dak il-perjodu, kien ghaddej minn diffikultajiet kbar minhabba l-aspett ekonomiku;

"Illi l-Qorti semghet kif il-familjari tal-appellant, li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz, kienu ghaddejja minn diffikultajiet kbar rninhabba falliment finanzjarju totali li l-appellant sab ruhu fih;

"Illi certament, meta wiehed iqis li l-Ewwel Qorti tat il-massimu li setghet taghti bhala piena ghal kull htija li nstabet in kwantu habs effettiv, certament u zgur li setghet, anzi kien imissha ma tkomplix tghabbi lill-appellant u lil familtu b'diffikultajiet ekonomici, kif effettivament ghamlet;

"Illi l-esponenti jaghraf ir-responsabbilitajiet tieghu tal-hazin li wettaq, haga li huwa ghamilha cara mal-gurija tul il-process kollu, izda certament illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta in kwantu hija ma ghamlitx gustizzja mal-appellant, izda ghamlet *show* bih u dan kemm fil-piena li tat u kif ukoll fid-dicitura fis-sentenza moghtija;

"Illi dawn il-Qrati ghandhom l-obbligu illi jaghmlu gustizzja mal-partijiet kollha u certament illi almenu, jekk mhux piena li aktar tirrispekkja il-verdetti li inghataw in kwantu il-prigunerija, kien assolutament zejjed, illi l-Qorti tordna wkoll it-telfien ekonomiku kif ghamlet fis-sitt kap tal-att tal-akkuza;

"Illi huwa minnu illi l-paraguni huma odjuzi, izda akkuza bhal dik li kien hemm fis-sitt kap, solitament tigi konsideratha mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali u anqas hija akkuza li taqa' wahedha taht il-kompetenza tal-Qorti Kriminali, u kull min jahdem gewwa l-edificcju tal-Qorti jaf, illi ghal dan it-tip ta' reat, rari l-Qrati taghna jerogaw il-massimu tal-pieni u dana peress illi l-Qorti kellha erba' possibilitajiet x'taghmel;

"Illi l-Qorti setghet tikkundanna piena ta' habs sa sitt xhur effettiva, tordna r-riarrest tal-akkuzat, ittellef il-garanzija personali tal-akkuzat u finalment tordna 1-konfiska tad-depositu;

"Illi minflok ma fehmet li l-aspett ekonomiku kien wiehed delikat ferm ghall-akkuzat, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex timponi l-erba' xenarji kollha f'daqqa possibli u kkundannat lill-appellant bihom, meta hija setghet, fic-cirkostanzi, ghaddiet biex almenu tiffranka s-sanzjoni pekunjarja fil-konfront tal-akkuzat;

"Illi meta wiehed, b'mod holistiku, jezamina ftit dak illi sehh f'dan il-guri u l-mod kif espremiet ruhha l-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant, wiehed ma jistax hlief li jasal ghal konkluzzjoni illi una volta illi 1-Qorti kienet mghammda

kompletament kontra l-appellanti, ma setghetx ragonevolment u serenament tasal ghal piena idonea fil-konfront tal-appellant;

"Illi jerga' jinghad illi l-Qorti m'hix qeghdha hemm biex tikkondividi o meno ma' dak li l-appellant ghamel, izda l-Qorti qeghdha hemm biex tohloq bilanc bejn id-drittijiet tas-socjeta' izda anke d-drittijiet tal-akkuzat;

"Illi f'dan il-kaz jinghad illi bil-piena moghtija, il-bilanc xeqleb wisq u wisq kontra l-akkuzat u ghalhekk l-appellant jirritjeni li l-appell tieghu huwa wiehed gustifikat u li min qed jiddeciedi ghandu jwarrab ghal mument, kwalsijasi pregudizzju u sensazzjonalita' ii tinghata fil-media u jiddeciedi s-sentenza li tinghata fuq il-verdett moghti u dak li rrizulta fil-kors ta' dan il-guri."

**38.** Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi, filwaqt illi Qorti għandha kull dritt tindika r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tagħti piena partikolari, mhuwiex opportun illi jintużaw ċerti espressjonijiet u jsiru osservazzjonijiet li jistgħu b'xi mod jagħtu l-impressjoni illi teżisti xi forma ta' preġudizzju kontra akkużat.

**39.** Issa, in kwantu dak li qalet l-ewwel Qorti fl-indirizz, kif intqal minn Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990)[12]:

> **"The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury …. The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence …."**

**40.** Inoltre, bħalma qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, p. 464 para. 4-376, u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

> **"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the**

[12] F'pagni 178 – 180.

**weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

**41.** Issa, m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-liġi. Frankament din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi miġjuba u wara li eżaminat il-fedina penali ta' l-appellant Cefai, issib illi l-ewwel Qorti kienet ġustifikata timponi l-piena li fid-diskrezzjoni tagħha dehrilha kienet indikata fiċ-ċirkostanzi. Meta jitqiesu l-aggressjoni fuq Joseph Portelli, il-fatt li waqt dik l-aggressjoni weġġgħu żewġ persuni oħra, u l-atti ripetuti ta' vjolenza li wettaq tul is-snin u li jirriżultaw almenu *prima facie* mill-fedina penali tiegħu, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-<u>quantum</u> tal-piena. Kwantu għall-fatt li dwar is-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuża għażlet li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Diċembru 2011, tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija; u wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tad-depożitu u l-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta talli ma osservax il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, dan għamlitu fil-parametri tal-liġi u fil-pjena diskrezzjoni tagħha u wara li qieset il-kondotta refrattarja ta' l-appellant Cefai. L-appellant kien jaf li kien qiegħed igawdi minn ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet. Il-konsegwenzi illi ġie kundannat għalihom kienu biss konsegwenza ta' l-atti delittwużi u volontarji tiegħu. Kellu jikkunsidra d-diffikultajiet finanzjarji tiegħu qabel ma ddeċieda kif iddeċieda li jaġixxi. Irid jitfakkar inoltre illi l-pieni għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali; u l-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar li l-vjolenza fiżika għandha, bhala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat.

**42.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li l-appell ta' Paschalino Cefai ma jimmeritax akkoljiment.

**43.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad kemm l-appell ta' Paschalino Cefai kif ukoll dak ta' l-Avukat Ġenerali, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.